# 58. It-Tajra Miksura

It-tajra sabiħa, li tajjar it-tfajjel
ġol-ikħal tas-sema mas-sħab bajdanin,
tinsab issa mkissra, tinsab issa mqattgħa,
imwaħħla ma' fergħa ta' siġra tat-tin.

U ntemmu l-ilwien u s-sbuħija tat-tajra,
bħall-ħolma li għosfrot u dabet fix-xejn,
bħad-dija ta' lampa miksura mormija,
bħad-daqq ta' kitarra li nqasmet fi tnejn.

U fadal biss fakra tal-lwien u s-sbuħija,
tad-daqq u tad-dija, tal-ħolma li ntfiet,
tifkira li taqbad lill-qalb imgħollija
u toqgħod taħqarha fil-ħemda u s-skiet.